# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# 2017

**Il-Malti: Il-Fehim mill-Qari**

**Il-Marki: 30 marka**

**Il-Ħin: 50 minuta**

**L-Ewwel Taqsima** **(10 marki)**




**Ħarsetta (*blurb*) lejn *Il-Misteru ta' Wied Ħamiema*, ktieb ta' Melanie Cutajar**

It-triq li tagħti għal Wied Ħamiema minn Ħal Meraq kienet triq imserrpa, twila u mħarbta. Kuljum, Jacqueline kienet tinżel dik it-triq ma' nannuha Pietru biex imorru r-razzett taz-zijiet t'ommha, Ċetta u Salvina. Dawn iż-żewġ xebbiet, xjuħ għakka, li baqgħu jgħixu fir-razzett li kien maqtugħ mir-raħal, kellhom **qalbhom tad-deheb**. Lil Jacqueline kienu jħobbuha daqs il-mimmi t'għajnejhom u hi l-għaxqa tagħha tismagħhom jirrakkontaw **l-istejjer li wirtu bil-fomm mingħand missirijiethom**.

Imma dakinhar filgħaxija, Jacqueline u n-nannu Pietru ħadu l-akbar qatgħa ta' ħajjithom. Meta niżlu r-razzett bħas-soltu, lil Ċetta u Salvina ma sabuhomx hemm. Sabu biss il-bieb tar-razzett miftuħ beraħ, il-ħasira tal-qasab imċarrta u l-kelb Brixu mnerveż, jinbaħ bla waqfien. Il-bqija baħħ. Ġewwa dlam ċappa u skiet taqtgħu b'sikkina. Għaliex il-bieb tar-razzett kien miftuħ? X'sar minnhom Ċetta u Salvina? U Brixu għaliex ma riedx jieqaf jinbaħ meta s-soltu kien imur jifraħ b'Jacqueline u n-nannu?

**A. Immarka ✓ hux Veru (V), Falz (F) jew Ma Ssemmietx (MS).** (4 marki)

| | V | F | MS |
|---|---|---|---|
| 1. L-istorja li kitbet Melanie Cutajar ġrat f'Għawdex. | | | |
| 2. Ir-razzett ta' Ċetta u Salvina kien fit-tarf tal-wied. | | | |
| 3. Ċetta u Salvina kellhom madwar 30 sena. | | | |
| 4. Iz-zijiet ix-xjuħ kienu jiġu minn omm Jacqueline. | | | |

**B. Immarka t-tweġiba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa t-tajba.** (6 marki)

5. It-triq li tagħti għal Wied Ħamiema kienet
   - ☐ qasira u mserrpa.
   - ☐ imħarbta u dritta.
   - ☐ twila u żdingata.

6. In-neputija ta' Pietru jisimha
   - ☐ Ċetta.
   - ☐ Jacqueline.
   - ☐ Melanie.

7. Ċetta u Salvina kienu
   - ☐ jinżlu ma' Pietru sar-razzett.
   - ☐ jgħidu l-istejjer lit-tifla.
   - ☐ jgħixu fil-qalba ta' Ħal Meraq.

8. Dakinhar, fir-razzett, Jacqueline u Pietru sabu
   - ☐ kullimkien mixgħul.
   - ☐ l-bieb imsakkar.
   - ☐ l-kelb irrabjat.

9. Ċetta u Salvina kellhom '**qalbhom tad-deheb**' tfisser li
   - ☐ kienu nisa sinjuri.
   - ☐ kienu nisa twajbin u ġenerużi.
   - ☐ kienu dejjem jilbsu lbies ileqq.

10. '**l-istejjer li wirtu bil-fomm mingħand missirijiethom**' tfisser
   - ☐ stejjer minn kotba antiki.
   - ☐ stejjer li qrawlhom nanniethom.
   - ☐ stejjer li qalulhom ix-xjuħ tagħhom.

**It-Tieni Taqsima** **(20 marka)**

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

## KEMMUNA TIRRAKKONTA

### L-Ewwel Parti

Ħafna minnkom jafuni biss fis-sajf biex jagħmlu xalata jitbaħbħu fl-ilmijiet kaħlana, ċari daqs il-kristall, li jdawruni. Oħrajn jintelqu jilagħqu x-xemx fuq id-deckchair fir-ramliet sbieħ tiegħi. Għall-bqija tas-sena, donnkom tinsewni, qisni ma neżistix. Imma jien, bħal ħuti l-gżejjer l-oħra Maltin, għandi l-istejjer tiegħi x'nirrakkonta. (par.1)

L-abitanti tiegħi qatt ma kienu ħafna u llum jingħaddu fuq is-swaba' t'id waħda. Imma nista' niftaħar li ħabbatt wiċċi ma' kull xorta ta' nies bħal bdiewa foqra, ħallelin tal-baħar, kavallieri mqarba li spiċċaw għassa fit-torri tiegħi u spiji miżmuma priġunieri fih. Fis-sajf iżuruni bosta turisti ta' kull ġens, apparti intom il-Maltin u l-Għawdxin. Ma rridx ninsa l-għadd ta' ħlejjaq oħra li jgħixu miegħi bħall-friefet il-lejl, il-fniek slavaġ u l-bosta tjur tal-passa li jieqfu jistrieħu fuqi. Żgur li qatt ma nkun waħdi! (par.2)

Illum intom issejħuli Kemmuna, isem li ngħatali daqs 1800 sena ilu. L-istudjużi tal-kliem ma jaqblux minn fejn ġej ismi. Hemm min jgħid li tawhuli mill-Grieg 'kineni', li tfisser 'qrib', għax ninsab viċin ħafna ta' ħuti, Malta u Għawdex. U hemm min jaħseb li ismi ġej mill-pjanta tal-kemmun li kienet tiksili wiċċi kollu. (par.3)

Niftakar li l-ewwel nies li għexu fuqi kienu xi erba' bdiewa fiż-żmien li l-gżejjer Maltin kienu maħkuma mir-Rumani. Ma tantx damu hawn u għamilt bosta snin bla abitanti. Ma jfissirx li ma kinux jiġu nies iżuruni; anzi, bil-maqlub. Billi l-kosta tiegħi hi miżgħuda b'daħliet imwarrba u għerien kennija, sirt popolari ħafna mal-furbani tal-baħar li bihom il-Mediterran kien invażat. Kienu jagħżlu daħla kennija u joqogħdu jgħassu sakemm jilmħu xini kbir tat-tagħbija. Erħilhom jaħbtu għalih u jkaxkru kulma jsibu. Jien biss naf xi ħbew fl-għerien imdallma u fir-ramel dehbi tal-bajjiet tiegħi! (par.4)



**A. Aħdem dawn li ġejjin, skont is-silta li qrajt.** (8 marki)

1. Immarka t-tweġiba t-tajba **billi taqta' linja taħt it-tajba**.

   Kemmuna minn dejjem kellha jgħixu fuqha (ftit nies, ħafna nies, annimali biss).

2. Barra l-bdiewa u l-ispiji, min għex aktar fuq Kemmuna fl-imgħoddi?

   Semmi **tnejn**.

   a) ______________________ b) ______________________

3. Agħti **raġuni waħda** għaliex Kemmuna ngħatat dan l-isem.

   ______________________________________________

4. Għaliex taħseb li l-furbani tal-baħar kienu jħobbuha lil Kemmuna?

   ______________________________________________

5. Imla l-vojt biex tikteb **in-numru kollu fi kliem**.

   1800 sena ilu – elf u ______________ mitt sena ilu

6. Aqleb **iż-żewġ verbi** mmarkati b'linja taħthom **fl-Imperattiv (Kmand) fil-plural.**

   Kienu <u>jagħżlu</u> daħla kennija u <u>joqogħdu</u> jgħassu sakemm jilmħu xini kbir tat-tagħbija. (par.4)

   a) ______________________ b) ______________________

**Kompli aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**It-Tieni Parti**



Meta l-gżejjer Maltin għaddew f'idejn il-Kavallieri ta' San Ġwann, dawn mill-ewwel ħadu grazzja miegħi u ddikjarawni art tal-kaċċa. Dik il-ħabta kont mimlija fniek u ħnieżer slavaġ u l-kavallieri kien **l-għors tagħhom** iqattgħu xi erbat ijiem fuqi. Illum, iżda, sirt santwarju tal-għasafar u fuqi ma tistax issir kaċċa. Niftaħar li fuqi tgħix **kolonja** żgħira ta' tajr magħruf bħala garni, li tinsab mhedda li tinqered. Tgħidx kemm jien kburija bihom... imma ħej...tgħidx xi storbju jagħmlu billejl meta jkunu bil-bejta; kif jiħduli rasi kultant! (par.5)

Minkejja li jiena ġżira żgħira, xorta niftaħar bil-wirt storiku li għandi: it-Torri ta' Santa Marija. Il-Maltin u l-Għawdxin kienu ilhom jittallbu biex fuqi jinbena torri li jħares il-fliegu mill-attakki tal-furbani. Fl-aħħar, fl-1618, il-Gran Mastru Wignacourt tahom widen u beda jibni dan it-torri fin-Nofsinhar tiegħi. Tul iż-żmien serva wkoll ta' ħabs għas-suldati Ġermaniżi li nqabdu priġunieri f'Malta fit-Tieni Gwerra Dinjija. Dan l-aħħar, it-torri ġie rrestawrat u qed jintuża mill-Forzi Armati ta' Malta biex jgħassu l-fliegu mill-kuntrabandu u l-kaċċa illegali fuq il-baħar. (par.6)

Nista' ngħid li llum qed nissemma f'ħafna pajjiżi fid-dinja. Mhux biss minħabba r-riklami tal-bajjiet u l-baħar kaħlani, imma wkoll minħabba li atturi kbar ta' Hollywood ħadmu films fuqi. Fosthom niftakar lil Brad Pitt fil-film *Troy*. L-aktar film li dhert fih huwa *The Count of Monte Cristo* u fih **jidher** ukoll it-Torri ta' Santa Marija li nbidel f'ħabs fejn isseħħ parti importanti mill-ġrajja. (par.7)

Nittama li issa sirtu tafuni xi ftit aktar. Nagħtikom parir biex la tiġu żżuruni, waqt li tkunu tilagħbu fuq ir-ramel tiegħi, iżżommu għajnejkom miftuħa għax ma tafux x'tistgħu ssibu. Jien għad għandi ħafna sigrieti x'nirrakkonta...imma dawk għal darb'oħra! (par.8)

**B. Wieġeb dawn li ġejjin, skont is-silta li qrajt.** (8 marki)

1. X'bidla ambjentali seħħet f'Kemmuna minn żmien il-Kavallieri sal-lum?

______________________________________________

______________________________________________

2. Għaliex taħseb li Kemmuna hija kburija bil-kolonja ta' garni li tgħix fuqha?

______________________________________________

______________________________________________

3. X'xebh tara bejn l-iskop li għalih inbena t-Torri ta' Santa Marija fl-1618 u l-użu li qed isir minnu llum mill-Forzi Armati ta' Malta?

______________________________________________

______________________________________________

4. Kemmuna llum hija popolari f'bosta pajjiżi barra minn Malta. Għal xiex hija magħrufa aktar, minbarra għall-bajjiet u l-baħar tagħha?

______________________________________________

______________________________________________

5. Agħti kelma oħra li tfisser l-istess bħal **kolonja** f'din is-sentenza.

...fuqi tgħix **kolonja** żgħira ta' tajr... (par.5) ______________ tajr

6. Agħti **l-mamma** u **l-għerq** tal-verb f'din is-sentenza.

...fih **jidher** ukoll it-Torri ta' Santa Marija... (par.7)

il-mamma - ______________ l-għerq - ______________

7. Fisser il-frażi '**l-għors tagħhom**'. (par.5)

______________________________________________

## Ċ. Aħdem dawn fuq is-silta kollha. (4 marki)

F'din l-istorja titkellem Kemmuna stess fuq ħajjitha.

1. Għoġbok il-mod kif tirrakkonta? Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. Xi tħoss għal Kemmuna wara li qrajt dak kollu li kellha xi tgħid?

   Semmi **żewġ** affarijiet.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**Tmiem il-karta**